**"STUDJI KRITIĊI": Giovanni Curmi, A. Cremona"** — Ta' Ġużè Chetcuti. — Dar ta' San Ġużepp, Hamrun—1956.

Poplu li ma jipproduċi xejn intellettwalment hu poplu injorant, bla edukazzjoni u bla progress u għalhekk tista' ssejjaħlu poplu mejjet. Tas-sew li mill-popolazzjoni ċkejkna ta' Malta ma għandekx tistenna li jkollna ħafna letterati kbar bħal f'nazzjonijiet oħra fejn hemm il-miljuni, imma l-ftit għandek issibhom dejjem, ukoll f'poplu żgħir bħal tagħna.

Hawn Malta f'dawn l-aħħar għoxrin sena kellna ċaqliqa ġmielha li ħalliet frott sabiħ fil-letteraturi barranin, imma l-aktar fil-letteratura Maltija. Xi Maltin kitbu poeżiji bl-Ingliż mill-isbaħ. Oħrajn kitbu bit-Taljan, fosthom Govanni Curmi li — kif igħid Ġużè Chetcuti **"hu wieħed mill-ftit Maltin li żammew tixgħel it-torċa tat-tradizzjoni letterarja Taljana".**

L-akbar għadd ta' kittieba Maltin, f'dawn l-aħħar snin, tawna xogħlijiet tajbin bil-Malti, fosthom Ninu Cremona li, flimkien ma' Dun Karm, hu l-ixjeħ fost il-kittieba ħajjin. Bis-saħħa ta' dan il-qawmien letterarju l-poplu Malti beda jduq u japprezza l-qari ta' rumanzi, drammi, novelli, poeżiji u xogħlijiet oħra bil-Malti li xegħlu fih il-ħeġġa u l-imħabba għal-letteratura Maltija.

Imma flimkien mal-ħafna xogħlijiet letterarji hija meħtieġa l-kritika li turi l-preġji u n-nuqqasijiet f'kull għamla ta' kitba li toħroġ għad-dawl. U għalhekk il-kritika nfisha hija fergħa fil-letteratura ta' kull nazzjon. Ix-xogħlijiet kollha letterarji flimkien ma' l-istudji kritiċi tagħhom iridu jiġu f'idejn il-qarrej biex ikun jista' japprezza aħjar u jagħraf xogħol tajjeb minn ieħor inqas tajjeb jew bla valur letterarju, li minnhom hawn Malta — għax għad ma hawnx kritika biżżejjed — joħorġu ħafna.

Ġużè Chetcuti, li hu magħruf bħala wieħed fost l-aħjar poeti Maltin, raġa' tana "Studji Kritiċi" oħrajn, din id-darba dwar il-poeżiji bit-Taljan ta' Giovanni Curmi u dwar id-dramm ta' Ninu Cremona. Fl-ewwel studji kritiċi li kien ħareġ "Dwar il-Poeżija Maltija". Chetcuti kien wera li hu kritiku tajjeb li jaf jidħol fl-ispirtu tal-kitba li qiegħed jikkritika u li għandu sens għoli ta' bilanċ u ta' proporzjon, u fuq kollox kultura wiesgħa li mingħajrha ħadd ma jista' jippretendi li jidħol għax-xogħol iebes tal-kritika letterarja.

F'dawn l-istudji kritiċi li tana issa, nammiraw aħjar il-kwalitajiet ta' Chetcuti bħala kritiku aktar kolt u iżjed matur u għalhekk aktar adattat biex jagħtina xogħlijiet ta' kritika letterarja li għandna bżonnha ħafna. Dawk li ma kinux jafu bil-kitba tajba ta' Giovanni Curmi u ta' Ninu Cremona, jew kienu qraw ftit biss mix-xogħlijiet tagħhom, jagħmlu sewwa li jaqraw il-kitba ta' dawn iż-żewġ letterati Maltin u li mbagħad iqabblu l-fehma tagħhom ma' l-istudji kritiċi li tana dwarhom Ġużè Chetcuti.

D. F. C.

# WERREJ TAS- SENA 1956


**A. A.**

L-Għassiesa ta' l-Iswar ... 114

**Abela, Ġużi**

Christian u Nisrani ... 55
*Lura* ... 56
*Furioso* ... 91
*Waħdi* ... 102
*Gwienaħ* ... 112

**Agius, Mario**

*Lil Hija* ... 113

**Apap, Vic.**

L-Amerikana ta' Villa d'Este ... 108

**Aquilina, P.**

Qatra Ilma ... 53

**Barbara, Val. V., O.P.**

*Quddiem il-Madonna tal-Korin* ... 38
*Talba ta' Otmm* ... 119

**Borg Pantalleresco, Ċ., P.L.**

*Il-Milied it-Tajjeb* ... 111

**Camilleri, Dun Frans**

*Xenqet iż-Żgħożija* ... 13

**Caruana, Vincent**

Siġġijiet ... 17

**Cassar, C., M.D.**

*Doqqu ja Qniepen* ... 5
*Milied* ... 102

**Cassola, A.M., F.I.L.**

"Christian" hu Nisrani ... 92

**Chetcuti, Ġużè'**

Giovanni Curmi, Poeta ... 6, 42
*Il-Bniedem u Alla* ... 59

**Ciappara, Joseph M.**

*Għada* ... 118

**Cremona, A.**

Multum in parvo ... 21
Is-Sunetti ta' G. Muscat-Azzopardi ... 68
Issa li Kbirt ... 104